DIGRIET TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (It-Tieni Awla)

3 ta' April 2008 *

Fil-Kawża T-236/06,

Landtag Schleswig-Holstein (il-Ġermanja), irrappreżentat minn S. Laskowski u J. Caspar, bħala aġenti,

rikorrent,

vs

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn P. Costa de Oliveira u C. Ladenburger, bħala aġenti,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Marzu u tat-23 ta' Ġunju 2006, li jiċħdu lir-rikorrent l-aċċess għad-dokument SEC(2005) 420, tat-22 ta' Marzu 2005, li jinkludi evalwazzjoni ġuridika ta' l-abbozz ta' deċiżjoni qafas, diskuss fil-Kunsill, dwar iż-żamma tad-data pproċessata u maħżuna fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku jew data trażmessa permezz ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi, għall-finijiet tal-prevenzjoni, ta' l-investigazzjoni, tas-sejbien, tal-prosekuzzjoni ta' delitti u ta' ksur kriminali, inkluż it-terroriżmu,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (It-Tieni Awla),

komposta minn I. Pelikánová (Relatur) President, K. Jürimäe u S. Soldevila Fragoso, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

Digriet

Fatti u proċedura

1 Permezz ta' ittra elettronika tad-9 ta' Frar 2006, ir-rikorrent, il-Landtag Schleswig-Holstein, talab lill-Kummissjoni sabiex jingħata l-aċċess illimitat għad-dokument

intern SEC(2005) 420 tal-Kummissjoni, tat-22 ta' Marzu 2005, li jinkludi evalwazzjoni ġuridika ta' l-abbozz ta' deċiżjoni qafas, diskuss fil-Kunsill, dwar iż-żamma tad-data pproċessata u maħżuna fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku jew ta' data trażmessa permezz ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi, għall-finijiet tal-prevenzjoni, ta' l-investigazzjoni, tas-sejbien u tal-prosekuzzjoni ta' delitti u ksur kriminali, inkluż it-terroriżmu.

2 Permezz ta' deċiżjoni ta' l-10 ta' Marzu 2006, id-direttur ġenerali tas-servizzi legali tal-Kummissjoni ċaħad l-applikazzjoni għal aċċess illimitat abbażi ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, p. 43), billi bagħat lir-rikorrent id-dokument in kwistjoni b'ċerti partijiet minnu mgħottija.

3 Permezz ta' ittra tad-29 ta' Marzu 2006, ir-rikorrent għamel applikazzjoni konfermatorja, skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, sabiex il-Kummissjoni teżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha ta' l-10 ta' Marzu 2006, kif ukoll applikazzjoni ġdida għal aċċess illimitat għad-dokument SEC(2005) 420, fuq il-bażi ta' l-obbligu ta' kooperazzjoni leali stipulat fl-Artikolu 10 KE.

4 Permezz ta' ittra tat-23 ta' Ġunju 2006, mibgħuta lir-rikorrent elettronikament fis-26 ta' Ġunju 2006, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni kkonferma d-deċiżjoni ta' l-10 ta' Marzu 2006 u ċaħad l-applikazzjoni l-ġdida tad-29 ta' Marzu 2006.

5 Permezz ta' att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-1 ta' Settembru 2006, ir-rikorrent ressaq dan ir-rikors. Fl-istess ġurnata, huwa ressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rikors bl-istess suġġett u bbażat fuq l-istess motivi, li ġie rreġistrat bin-numru ta' referenza C-406/06.

6 Ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq ressqu talbiet għal intervent, fit-28 ta' Novembru u fl-14 ta' Diċembru 2006 rispettivament. Ir-rikorrent ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fuq it-talbiet għal intervent fl-10 ta' Jannar 2007.

7 B'digriet tat-8 ta' Frar 2007, Landtag Schleswig-Holstein vs Il-Kummissjoni (C-406/06, li mhux ippubblikat fil-Ġabra), il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat il-kawża C-406/06 quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza fejn ġiet irreġistrata bin-numru ta' referenza T-68/07. B'digriet ta' l-14 ta' Ġunju 2007, Landtag Schleswig-Holstein vs Il-Kummissjoni (T-68/07, li mhux ippubblikat fil-Ġabra), il-Qorti tal-Prim'Istanza, li diġà għandha quddiemha r-rikors tal-kawża preżenti, ċaħdet ir-rikors fil-kawża T-68/07 bħala manifestament inammissibbli minħabba *lis alibi pendens*, u speċifikat li l-kwistjonijiet l-oħra ta' ammissibbiltà li huwa qajjem ma kinux ġew eżaminati (digriet ta' l-14 ta' Ġunju 2007, Landtag Schleswig-Holstein vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar'il fuq, punt 17).

8 B'att separat ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-5 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fir-rigward tar-rikors preżenti, skond l-Artikolu 114 (1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Fl-20 ta' Marzu 2007, ir-rikorrent ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

It-talbiet tal-partijiet

9 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli;

— tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

10 Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors bħala ammissibbli;

— tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Marzu u tat-23 ta' Ġunju 2006;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Id-dritt

11 Skond l-Artikolu 114(1) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk parti tagħmel talba għal dan il-għan, il-Qorti tal-Prim'Istanza tista' tieħu deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża. Skond l-Artikolu 114(3), il-proċeduri dwar it-talba għandhom jitkomplew oralment sakemm il-Qorti tal-Prim'Istanza ma tiddeċidix mod ieħor. Fil-każ preżenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis li għandha biżżejjed informazzjoni mill-atti tal-proċess u li m'hemmx lok li l-partijiet jinstemgħu oralment.

12 Il-Kummissjoni qajmet żewġ eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà bbażati, minn naħa, fuq in-nuqqas ta' *locus standi* tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, fuq in-nuqqas ta' rappreżentanza valida tar-rikorrent miż-żewġ mandatarji li ffirmaw ir-rikors. Hemm lok li, fl-ewwel lok, jiġi eżaminat jekk ir-rikorrent għandux *locus standi*.

Argumenti tal-partijiet

13 Il-Kummissjoni ssostni li skond id-dritt pubbliku Ġermaniż, l-uniku li huwa rilevanti, ma hemmx dubju li l-Landtag Schleswig-Holstein ma għandu l-ebda personalità ġuridika. Huwa biss ir-reġjun, il-Land Schleswig-Holstein, li jikkostitwixxi, inkwantu kollettività territorjali, persuna ġuridika skond id-dritt pubbliku Ġermaniż, filwaqt li r-rikorrent huwa biss wieħed mill-korpi tiegħu.

14 Skond il-Kummissjoni, il-pożizzjoni tal-parlamenti reġjonali, fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 230 KE, ma tistax tkun iktar favorevoli minn dik tal-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri. Issa, ġeneralment huwa ammess li l-parlamenti nazzjonali ma jistgħux jeżiġu dritt ta' azzjoni legali li huwa awtonomu minn dak ta' l-Istati Membri, peress li, inkwantu korpi ta' l-Istati Membri, huma jifformaw parti mill-persuna ġuridika kkostitwita minn kull Stat.

15 Il-"kapaċità ġuridika parzjali" allegata mir-rikorrent ma tistax, skond il-Kummissjoni, tagħtih l-istatus ta' persuna ġuridika. Huwa minnu li d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali ċċitati mir-rikorrent jagħtuh il-kapaċità li jkun parti f'kawża u li jkollu *locus standi* fil-kawżi kostituzzjonali interni fil-Land Schleswig-Holstein. Madankollu, dawn huma limitati għall-kawżi interni f'kollettività territorjali bejn korpi differenti tagħha, u mhumiex intiżi għad-difiża legali ta' din il-kollettività fil-konfront ta' terzi. F'dan l-aħħar każ, id-dritt Ġermaniż jagħti biss lil-Land innifsu l-kapaċità li jressaq azzjoni legali, u mhux lil korp individwali ta' dan ta' l-aħħar. Barra minn hekk, l-awtonomija fl-organizzazzjoni mogħtija lill-parlament reġjonali skond il-kostituzzjoni tal-Land hija biss applikabbli fi ħdan il-Land u fir-rigward tal-korpi l-oħra ta' dan ta' l-aħħar, iżda mhux barra mill-ambitu tiegħu.

16 Minn dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-rikorrent m'għandux *locus standi* u li r-rikors għandu jiġi miċħud bħala manifestament inammissibbli. Barra minn hekk, ir-rikors ma jistax jiġi interpretat mill-ġdid bħala wieħed li sar mil-Land innifsu, irrappreżentat mil-Landtag Schleswig-Holstein, peress li dan l-aħħar juri biċ-ċar, kemm fid-deskrizzjoni tiegħu nnifsu bħala rikorrent kif ukoll fit-test kollu tar-rikors, il-volontà tiegħu li jaġixxi f'ismu proprju.

17 Bħala risposta għall-argumenti tal-Kummissjoni, ir-rikorrent josserva li l-Qorti tal-Ġustizzja, fid-digriet tagħha tat-8 ta' Frar 2007, Landtag Schleswig-Holstein vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar'il fuq (il-punt 9), irrikonoxxiet b'mod espliċitu l-personalità ġuridika tiegħu fit-termini li ġejjin:

"Min-naħa l-oħra, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-*locus standi* tar-reġjuni u tal-kollettivitajiet territorjali l-oħrajn […], il-Landtag Schleswig-Holstein għandu jiġi meqjus bħala persuna ġuridika li tista' tippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza kontra d-deċiżjonijiet li tagħhom hija destinatarja jew li, għalkemm magħmula fil-forma ta' regolament jew ta' deċiżjoni indirizzata lil persuna oħra, jikkoncernawha direttament u individwalment, skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE."

18 Minn dan, huwa jikkonkludi li l-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni għandha tiġi miċħuda.

19 Fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent isostni wkoll li huwa jissodisfa l-kriterji tal-kunċett Komunitarju awtonomu ta' persuna ġuridika żviluppat mill-qrati Komunitarji. Skond din il-ġurisprudenza, sabiex jiġi rikonoxxut li huwa għandu *locus standi*, huwa biżżejjed li r-rikorrent ikollu l-elementi karatteristiċi ta' personalità ġuridika. Ir-rikorrent jikkonkludi mid-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-14 ta' Novembru 1963, Lassalle vs Il-Parlament (15/63, Ġabra 1964 p. 97, 100), li l-imsemmija kriterji huma partikolarment l-awtonomija u r-responsabbiltà, anki jekk limitati, u dan diġà wassal lill-qrati Komunitarji sabiex jirrikonoxxu l-*locus standi*, skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE, tal-kollettivitajiet territorjali tad-dritt pubbliku bħal-Länder u l-awtoritajiet reġjonali Ġermaniżi.

20 Ir-rikorrent iżid li, fil-kwalità tiegħu bħala korp suprem elett mill-poplu fi ħdan il-Land Schleswig-Holstein, huwa jinsab fl-istess livell bħall-korpi statali supremi l-oħrajn ta' l-imsemmi Land, b'mod partikolari l-gvern tiegħu. Il-Landtag Schleswig-Holstein għandu kapaċità ġuridika parzjali, peress li l-kostituzzjoni tal-Land tagħtih awtonomija ta' organizzazzjoni li tawtorizzah jikkostitwixxi lilu nnifsu, li jorganizza lilu nnifsu u li jistabbilixxi l-proċedura tiegħu. Fir-rigward tal-kawżi kostituzzjonali, ir-rikorrent għandu *locus standi* fi proċeduri legali u l-kapaċità li jkun parti quddiem il-Bundesverfassungsgericht (Qorti Kostituzzjonali Federali Ġermaniża) u l-Landesverfassungsgericht (qorti kostituzzjonali reġjonali).

21 Fl-aħħar nett, ir-rikorrent isostni li huwa għandu, bħal-Land Schleswig-Holstein, *locus standi* f'din il-kawża, peress li, b'mod konformi mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 14(3) tal-kostituzzjoni tal-Land Schleswig-Holstein, il-president tal-parlament reġjonali jirrappreżenta direttament lil-Land Schleswig-Holstein fl-atti

ġuridiċi u ġudizzjarji kollha tal-parlament reġjonali. F'dan is-sens, it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 14(3) tal-kostituzzjoni hija *lex specialis* meta mqabbla ma' l-Artikolu 30 tal-kostituzzjoni, li fuq il-bażi tagħha l-kap tal-gvern tal-Land jirrappreżenta lil-Land.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

22 Fl-ewwel lok, għandu jiġi osservat, kif jaċċettaw il-partijiet f'din il-kawża, li fil-każ ta' rikors ippreżentat minn entitajiet territorjali infrastatali, il-Qorti tal-Prim'Istanza tevalwa l-eżistenza tal-personalità ġuridika tar-rikorrent skond id-dritt pubbliku nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' April 1998, Vlaams Gewest vs Il-Kummissjoni, T-214/95, Ġabra p. II-717, punt 28; id-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Ġunju 1998, Comunidad Autónoma de Cantabria vs Il-Kunsill, T-238/97, Ġabra p. II-2271, punt 43, u s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Diċembru 1999, Freistaat Sachsen *et* vs Il-Kummissjoni, T-132/96 u T-143/96, Ġabra p. II-3663, punt 81). Għalhekk, l-eżistenza tal-personalità ġuridika tar-rikorrent għandha tiġi eżaminata fid-dawl tad-dritt nazzjonali Ġermaniż. Fil-fatt, id-dritt Komunitarju ma jinterferixxix ma' l-awtonomija kostituzzjonali ta' l-Istati Membri fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-eżistenza tal-personalità ġuridika ta' l-entitajiet nazzjonali tad-dritt pubbliku, u dan jista' jwassal sabiex dawn ta' l-aħħar jingħataw, fil-livell Komunitarju, drittijiet li ma jkollhomx fil-livell nazzjonali. Minn dan isegwi li r-rikorrent ma jistax jibbaża ruħu fuq id-digriet Lassalle vs Il-Parlament, iċċitat iktar'il fuq, peress li fil-kawża li tat lok għal dan id-digriet, l-entità in kwistjoni, jiġifieri l-kumitat tal-persunal tal-Parlament Ewropew, kien esklużivament irregolat mid-dritt Komunitarju.

23 F'dan il-kuntest, hemm lok li jiġi miċħud l-argument tar-rikorrent li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet b'mod espliċitu l-personalità ġuridika tiegħu fid-digriet tat-8 ta' Frar 2007, Landtag Schleswig-Holstein vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar'il fuq. Fil-fatt, ir-referenza, fil-punt 9 ta' dan id-digriet, għall-kunċett ta' "persuna legali", li tidher fir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE saret biss bħala kuntrast għall-kunċetti

ta' "Stat Membru" u ta' "istituzzjoni Komunitarja", li jinsabu fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE u li jidhru fil-punt 8 ta' dan l-istess digriet, peress li r-rikorrent, fir-rikors promotur tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, sostna li huwa jibbenefika mill-istatus ta' Stat Membru għall-finijiet tal-preżentata tar-rikors tiegħu. Minn dan isegwi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex l-intenzjoni, bit-test iċċitat, li tirrikonoxxi l-kapaċità ġuridika tar-rikorrent, iżda riedet biss tikkonstata li, peress li m'għandux il-kwalità ta' Stat Membru u lanqas il-kwalità ta' istituzzjoni Komunitarja, dan ma setax, f'kull każ, jippreżenta rikors dirett quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u kellu, minħabba f'hekk, jippreżenta tali rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. Issa, hija biss din ta' l-aħħar li għandha l-kompetenza sabiex teżamina l-ammissibbiltà ta' tali rikors.

24 Barra minn hekk, kif il-Kummissjoni ġustament osservat, ma jidhirx li huwa possibbli li dan ir-rikors jitqies li sar għan-nom tal-Land Schleswig-Holstein, b'tali mod li d-dispożizzjonijiet, l-użanzi jew il-ġurisprudenza li japplikaw għal-Land Schleswig-Holstein jew għal-Länder b'mod ġenerali ma jistgħux jiġu invokati in sostenn tal-pożizzjoni tar-rikorrent. B'mod partikolari dan huwa l-każ ta' l-argument ibbażat fuq l-Artikolu 14(3) tal-kostituzzjoni tal-Land Schleswig-Holstein, safejn din id-dispożizzjoni tirreferi għall-Land bħala parti f'kawżi.

25 Fir-rigward ta' l-argument li r-rikorrent jinsab, inkwantu korp suprem elett mill-poplu, fuq l-istess livell bħall-korpi statali supremi l-oħrajn, partikolarment il-gvern tal-Land, fin-nuqqas ta' kull element li huwa tali li jindika li dawn ta' l-aħħar jistgħu jaġixxu quddiem qorti Komunitarja, dan l-argument huwa nieqes minn kull rilevanza f'dak li jikkonċerna l-kapaċità ta' azzjoni ġuridika tar-rikorrent.

26 Bl-istess mod, jekk jiġi ammess li r-rikorrent għandu kapaċità ġuridika parzjali fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-kostituzzjoni tal-Land Schleswig-Holstein, li jagħtuh awtonomija ta' organizzazzjoni li tawtorizzah jikkostitwixxi lilu nnifsu u jorganizza lilu nnifsu u li jistabbilixxi l-proċedura interna tiegħu, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 93(2a) tal-Kostituzzjoni Ġermaniża u l-Artikolu 44(1) u

(2) tal-kostituzzjoni tal-Land Schleswig-Holstein, invokati mir-rikorrent bħala dispożizzjonijiet li jagħtuh il-*locus standi* jew li jkun parti quddiem il-Bundesverfassungsgericht u l-Landesverfassungsgericht, jikkonċernaw biss il-kawżi ta' natura kostituzzjonali fuq il-livell nazzjonali li fihom id-drittijiet u l-interessi tar-rikorrenti, inkwantu parlament, m'humiex neċessarjament l-istess bħal dawk tal-Land Schleswig-Holstein, u dan m'huwiex eżattament il-każ hawnhekk.

27 Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' l-argument ibbażat fuq l-Artikolu 14(3) tal-kostituzzjoni tal-Land Schleswig-Holstein, jidher ċar mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni li l-argument tar-rikorrent li huwa għandu *locus standi* sabiex jaġixxi f'ismu proprju ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, l-imsemmija dispożizzjoni, safejn hija rilevanti għall-każ preżenti, tipprovdi li ġej:

"Il-president [tal-parlament reġjonali] jamministral-attivitajiet tal-parlament reġjonali. F'dan il-kuntest, huwa l-kompitu tiegħu […] li jirrappreżenta lil-Land f'kull att ġuridiku u ġudizzjarju tal-parlament reġjonali […]"

28 Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li, fil-kawżi li jikkonċernaw il-Landtag Schleswig-Holstein, m'huwiex dan ta' l-aħħar li huwa parti, iżda l-Land, eċċezzjonalment irrappreżentat, f'din l-okkażjoni, mill-president tal-Landtag Schleswig-Holstein, peress li din ir-rappreżentanza normalment hija fil-kompetenza tal-kap tal-gvern tal-Land, kif jirriżulta mill-Artikolu 30(1) tal-kostituzzjoni tal-Land Schleswig-Holstein.

29 Din il-konklużjoni hija kkonfermata mid-duttrina Ġermaniża f'dan il-qasam. Fil-fatt, il-kummentarju tal-kostituzzjoni tal-Land Schleswig-Holstein iċċitat mir-rikorrent jipprovdi b'mod espliċitu, minn naħa, li l-Landtag Schleswig-Holstein, inkwantu korp tal-Land, m'għandux il-kapaċità ġuridika u, min-naħa l-oħra, li l-Artikolu

14(3) tal-kostituzzjoni tal-Land Schleswig-Holstein għandu jiġi interpretat fissens li l-president tal-Landtag Schleswig-Holstein, fil-kuntest tas-setgħat tiegħu ta' rappreżentanza fi proċeduri legali, ma jirrapreżentax lil-Landtag, iżda direttament lil-Land.

30 Għalhekk hemm lok li jiġi konkluż li r-rikorrent ma għandux il-kapaċità ġuridika skond id-dritt nazzjonali Ġermaniż. Minħabba f'hekk, huwa m'għandux *locus standi* quddiem qorti Komunitarja.

31 Għaldaqstant ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, mingħajr ma huwa meħtieġ li tiġi eżaminata l-eċċezzjoni l-oħra ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li jiġu deċiżi t-talbiet għal intervent tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq.

Fuq l-ispejjeż

33 Skond l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrent tilef, hemm lok li huwa jiġi ordnat jbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

34 Skond l-Artikolu 87(6) tar-Regoli tal-Proċedura, fil-każ li ma jkunx hemm lok għal deċiżjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Fil-każ preżenti, hemm lok li jiġi deċiż li l-partijiet kif ukoll dawk li talbu jintervjenu għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom marbuta mat-talbiet għal intervent tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (It-Tieni Awla)

tordna:

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) Mhemmx iktar lok għal deċiżjoni fuq it-talbiet għal intervent.

3) Il-Landtag Schleswig-Holstein għandu jbati l-ispejjeż tiegħu, kif ukoll dawk inkorsi mill-Kummissjoni, minbarra dawk marbuta mat-talbiet għal intervent.

4) Il-Landtag Schleswig-Holstein, il-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom marbuta mat-talbiet għal intervent.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-3 ta' April 2008.

E. Coulon — I. Pelikánová

Reġistratur — President